# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 9.3

**Kap 9: Agħti u Jingħatalek**

**Lezzjoni 9.33: L-ambjent fejn ngħixu**

**L-Għanijiet:**



F'din il-lezzjoni l-istudenti:

1. Jiftakru x'servizzi utli rċevew matul din is-sena.
2. Jidentifikaw dawk in-nies li tawhom dawn is-servizzi.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Photostory bi stampi ta' nies li jgħinuna u li jagħtuna xi tip ta' servizz.
- Karta ta' taħriġ 9.2 .

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi l-**Photostory** lill-istudenti. Qabel turi l-photostory tgħid xejn dwar l-istampi li fiha sabiex wara tħalli lill-istudenti jgħidu x'ikunu raw.



- Staqsi lill-istudenti:
    - *Tistgħu issemmu xi nies li rajna?*
    - *X'għandhom komuni bejniethom?* (Nies li jagħtuna xi servizz)

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Fl-ewwel attività semmejna lill-persuni li jagħtuna xi servizz u jgħinuna nkunu persuni aħjar. Fl-attività li jmiss se naħsbu kif dawn in-nies u oħrajn kienu ta' għajnuna għalina din is-sena.
- Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 9.2.
- Aqra s-silta mogħtija . Fi gruppi ta' 2 jew 3 l-istudenti jridu jsemmu l- għajnuna jew servizz li rċevew jew qed jirċievi min-nies imsemmija. L-aħħar eżempju hu mħolli vojt biex l-istudenti jaħsbu huma f' persuna oħra li tawhom servizz.

- Meta l-gruppi jkunu lestew mill-attività, isma' xi eżempji minn gruppi differenti.
- L-istudenti, imbagħad, jaħdmu t-tieni attività li hija moħba kelma billi jsibu l-ismijiet ta' nies li jagħtuna servizz.
- Aqra Attività C. Spjega l-istorja u oħloq diskussjoni fuq il-mistoqsijiet mogħtija. Fakkar li min jgħin iħossu tajjeb hu, ikun jogħġob lil Ġesù u jagħmel ferħan lil min jgħin.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Matul ħajjitna niltaqgħu ma' persuni li jridulna l-ġid u li jgħinuna b'diversi modi.
2. Bl-għajnuna li jagħtuna u b'dak li jaqsmu magħna dawn il-persuni u oħrajn jgħinuna nsiru persuni aħjar.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



Għandi nuri sens ta' apprezzament u ta' rikonoxximent lejn kull min jagħtini servizz u jagħtini xi tip ta' għajnuna. Il-kelma GRAZZI għandi ngħidha aktar ta' spiss!

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu

Bħala talba tal-għeluq illum nistgħu ngħidu lill-istudenti jaħsbu f'persuna minn dawk li semmejna fil-lezzjoni u jgħidu talba għalihom. It-talba li jgħidu jistgħu jaqsmuha mal-kumplament tal-klassi u hekk ikun hemm atmosfera ta' qsim ta' talb għal dawn il-persuni li jagħtuna servizz.

